MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 449/2007

Kawza fil-lista:  40

**ABX**
**vs**
**DV**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:-

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-18 ta' Jannar 2006 f' Serbia u Montenegro liema zwieg gie registrat fir-Registru taz-Zwigijiet, fir-Registru Pubbliku, Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A u li l-partijiet sseparaw legalment fis-sena 2006;

2. Peress illi wara xi erba xhur li kienu jafu lil xulxin hawn Malta, l-intimat gie deportat minhabba li nstab li kien hawn Malta minghajr l-permess u li kien qed jahdem bla permess u li ghalhekk l-uniku soluzzjoni biex l-intimat setgha jirritorna Malta kienet li jizzewgu kif fil-fatt ghamlu f' pajjizu;

3. Peress illi r-rikorrenti kellha hamsa u ghoxrin sena filwaqt li l-intimat kellu wiehed u ghoxrin sena meta zzewgu;

4. Peress illi kif izzewgu huma rritornaw Malta u marru jghixu mal-mama tar-rikorrenti izda xahar biss wara li zzewgu l-partijiet infirdu minhabba l-gelosija kbira tal-intimat u d-differenza fil-kulturi u r-religjon tant li sar ossessjonat li ma jhalli lill-martu tmur imkien u li sahansitra ma jmurx ix-xoghol biex joqghod id-dar bil-qieghda jiccassa lejha;

5. Peress li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal u dan ghaliex l-partijiet ma dahlux ghal dan iz-zwieg biex ikollhom familja u biex jaghqdu r-relazzjoni taghhom izda ghax ir-rikorrenti thassritu u l-uniku mezz li kien hemm biex huwa setgha jirritorna Malta kien li jizzewgu;

6. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

7. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

8. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Jannar 2006 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, ghalkemm ma pprezentax risposta guramentata, ipprezenta l-affidavit tieghu, fejn ammetta t-talba attrici ghan-nullita' taz-zwieg;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet lid-difensur ta' l-attrici;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-18 ta' Jannar 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-18 ta' Jannar 2006 fis-Serbia Montenegro, meta allura l-attrici, cittadina maltija kellha 25 sena, u l-konvenut, cittadin mis-Serbia u Montenegro kellu 21 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sitt xhur. Wara konvivenza matrimonjali ta' xaharejn, il-partijiet isseparaw de facto, u fis-17 ta' Frar 2007 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

L-attrici tispjega li huma kienu iltaqghu f' Malta, izda wara ftit xhur il-konvenut, wara li kien dam gimgha arrestat Malta, gie diportat peress li kien f' Malta minghajr

permess. Hi tghid li ghalhekk, sabiex tkompli r-relazzjoni taghha mieghu, l-unika triq li kellhom sabiex il-konvenut jirritorna Malta, kienet li hi titla’ s-Serbia u tizzewwgu hemmhekk, kif fil-fatt ghamlet.

Hekk kif izzewwgu huma gew lura Malta u marru joqghodu ghand ommha, izda wara **<u>xaharejn ta’ konvivenza matrimonjali</u>** turbolenti huma sseparaw de facto. L-attrici tghid li l-konvenut kien isofri minn ghejra kbira u “kien ossessjonat li ma jhallinix immur imkien u sahansitra kien iddecieda li ma jahdimx sabiex joqghod id-dar jiccassa lejja.”[1] Hija tikkonferma li huma kienu eskldew li jkollhom it-tfal minn dan iz-zwieg, peress li l-uniku skop wara dan iz-zwieg kien li l-konvenut jgi jghix f’Malta. Hija tghid: “minkejja li kont fuq il-pill xorta ma kontx inhallih ikollu full intercourse ghax jiena qatt ma ried tfal.”[2] Dan jinsab konfermat mill-istess konvenut li jghid: We were also very careful never to have children, as none of us wanted children.”[3]

Illi, ghalkemm il-konvenut jaqbel sostanzjalment mal-fatti kif dikjarati mill-attrici, huwa jghid li l-attrici kienet “still very immature and she always expected everything to fall into her lap.”[4]; u jghid li hija kienet tohrog waheda u tmur tixxala Paceville, filwaqt li hu kien jibqa’ d-dar.

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta car, fil-konfront taz-zewg partijiet, il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] fuq citat. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, evidenzjat mill-komportament taghhom waqt il-konvivenza matrimonjali qasira ta’ xaharejn.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita konferma.

---

[1] Fol.12
[2] Fol.13
[3] Fol.30
[4] Ibid.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Jannar 2006. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------